# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar, 2020**

**Numru 18**

**Ċitazzjoni numru 655/05 AF**

**Francis u Victoria konjuġi Bonello u b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Lulju, 2011, il-Qorti laqgħet it-talba biex l-atti jiġu trasfużi f'isem Francis Bonello u dan wara l-mewt ta' Victoria Bonello**

**v.**

**Ronald Azzopardi u martu Mariella Azzopardi għal kull interess li jista' jkollha u b'digriet tal-Qorti tat-12 ta' Mejju, 2006, ġie awtorizżat li jintervjeni fil-kawża Frank *sive* Frenċ Attard '*in statu et terminis*'; u b'digriet tas-7 ta' Jannar, 2008, il-Qorti ordnat it-trasfużjoni tal-atti f'isem MaryAnne *neé* Cassar armla ta' Francesco Attard, Janette mart Johnny Aġius, Miguel Attard, Carmela mart Paul Vella, Victoria mart Francis Bonello u Margaret mart Michael Ħili**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Ronald Azzopardi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru 2016,

(minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata"), li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, sabet li l-imsemmi intimat (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") kien waqaf iħallas id-djun tiegħu fil-ħamsa (5) ta' Awwissu tal-elfejn u erbgħa (2004) u kien għalhekk waqa' fi stat ta' falliment u ħatret lill-Avukat Dottor Stefano Filletti bħala kuratur tal-falliment bis-setgħat u d-dmirijiet imfissrin fit-Taqsima III tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Filwaqt li l-imsemmija Qorti qatgħetha li tirriżerva li tipprovi 'l quddiem dwar ir-raba' talba attriċi (dik li kienet titlob li l-appellant jinstab ħati ta' falliment b'qerq), ħalliet il-kawża għal smigħ biex isir l-eżami tal-inventarju li l-kuratur tal-falliment kellu jħejji għal-finijiet tal-artikoli 502 *et seq* tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-eżami tal-lista ta' kredituri għall-finijiet tal-artikolu 510(1) tal-istess Kodiċi u sabiex tissejjaħ laqgħa tal-kredituri għall-finijiet tal-artikolu 510(2) u (3) tal-istess Kodiċi;

2. Illi dik il-Qorti ħadet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin biex waslet għad-deċiżjoni tagħha:

> "*Permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi, li jgħidu li huma kredituri tal-konvenut Ronald Azzopardi, qegħdin jitolbu lill-Qorti tippronunzja l-falliment tal-istess konvenut li huma jgħidu waqaf iħallas id-debiti tiegħu.*
>
> *"Mill-provi prodotti jirriżulta li l-fatti tal-każ huma dawn. Il-partijiet saru jafu lill-xulxin madwar is-sena 2001 tramite n-negozju tal-attur fl-għamara antika. Maż-żmien il-konvenut f'ismu personali beda jissellef sommom ta' flus brevi manu mingħand l-attur. Dawn il-flus kienu jintużaw mill-konvenut sabiex iħallas id-dejn ta' kumpanniji li huwa kien imexxi, sabiex inxtraw żewġ proprjetajiet ossia farmhouses f'Għawdex u sabiex isiru xi benefikati fl-istess proprjetajiet. Minkejja li dawn il-proprjetajiet kienu ġew akkwistati mis-soċjeta HD Holdings, liema soċjetà ġiet maħluqa mill-konvenut proprju għal dan l-iskop, l-ammont misluf relatat ma' dawn il-proprjetajiet ukoll sar lill-konvenut*

*personalment. Fit-2 ta' Lulju 2004 il-partijiet iffirmaw bejniethom żewġ skritturi li kellhom l-għan li jittransiġu diversi vertenzi pendenti bejniethom u dan wara li l-attur talab il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut, liema mandat ġie rtirat mal-iffirmar ta' dawn l-iskritturi. Permezz tal-ewwel skrittura, Ronald Azzopardi, f'ismu u għan-nom ta' martu Mariella, ikkostitwixxa ruħu veru ċert u likwidu debitur ta' Francis Bonello u martu Victoria (illum mejta) fl-ammont ta' Lm220,000. Din l-iskrittura stabbiliet imgħax ta' 6.5% kif ukoll il-modalitajiet tal-pagament. Permezz tat-tieni skrittura, imbagħad, Ronald Azzopardi ikkostitwixxa ruħu debitur ta' Francis Bonello fl-ammont ta' Lm65,000.*

*"Il-konvenut ma onorax l-obbligi tiegħu li jħallas l-ammont dovut lill-attur skont l-imsemmija skritturi u peress li rriżulta li l-konvenut kellu diversi proċeduri pendenti kontrih istitwiti minn terzi li wkoll ippremettew li huma kredituri tiegħu, l-atturi għażlu li jġibu 'l quddiem din l-azzjoni sabiex jitolbu lill-Qorti ssib illi l-konvenut għandu jiġi dikjarat fallut skont il-provedimenti tal-Kodiċi tal-Kummerċ.*

*"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut kif ukoll permezz tas-sitt u tmien eċċezzjonijiet tal-konvenuta, ġie eċċepit illi l-atturi m'humiex kredituri tal-eċċepjenti.*

*"Dwar dawn l-eċċezzjonijiet jirriżulta li din l-istess Qorti kif presjeduta diġà pronunzjat ruħha proprju dwar l-ammont dovut lill-atturi mingħand il-konvenuti permezz tas-sentenza tagħha tal-5 ta' Mejju 2016, fl-istess ismijiet tal-kawża odjerna, fejn il-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm220,000, llum €512,462.*

*"Minn din is-sentenza ġie interpost appell li għadu pendenti iżda l-Qorti tirrileva li l-konvenut stess ammetta li huwa għandu jagħti lill-attur dan l-ammont fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-proċeduri fl-ismijiet inversi, permezz ta' liema proċeduri Ronald Azzopardi kien qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' nullità tal-iskritturi msemmija. Dik il-kawża llum għaddiet in ġudikat b'dan illi permezz ta' sentenza datata 3 ta' Marzu 2009, ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar 2012, il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur f'dik il-kawża biss fir-rigward tat-tieni skrittura li tirrigwarda l-ammont ta' Lm65,000, illum €151,409, billi ddikjarat li dan l-aħħar ammont m'huwiex dovut għaliex id-dejn huwa fittizju, iżda sabet ukoll illi ma kien hemm ebda self bl-użura.*

*"Dwar l-ammont ta' LM220,000 il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

> *"Għalhekk bħala konferma tal-kreditu fl-ammont ta' Lm220,000 favur il-konvenut appellat hemm mhux biss l-iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 bil-firma tal-attur appellant fuqha, iżda wkoll xhieda bil-ġurament tal-istess attur appellant ftit tal-ħin qabel ma nkitbet l-iskrittura nnifisha.*
>
> *...*

*Din il-Qorti però hija tal-istess fehma bħall-ewwel Qorti, u cioè li l-attur appellant, li ilu żmien twil fin-negozju, kien jaf ben tajjeb x'inhu l-ammont ta' flus li kien dovut lill-konjuġi Bonello. Din il-verżjoni tal-attur appellant li huwa ma kienx għamel il-kalkoli tiegħu hija diffiċli biex titwemmen, speċjalment meta hawnhekk si tratta ta' eluf kbar ta' Liri Maltin. Fi kwalunkwe każ, l-attur appellant ikkonferma dan l-ammont liberament, kemm bil-firma tiegħu fuq l-iskrittura, kif ukoll bil-ġurament quddiem il-Qorti ftit sigħat qabel.*

*....*

*Anke kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha temmen li huwa verament kien għadu ma għamilx il-kalkoli tiegħu u ma ġabarx l-informazzjoni li kellu jiġbor, allura f'dak il-każ ma messux ikkonferma l-ammont bil-ġurament u wisq anqas ma messu poġġa l-firma tiegħu fuq l-iskrittura. Il-qrati mhumiex qegħdin biex jagħmlu tajjeb għall-iżbalji kkaġunati minn persuni li ma jeżerċitawx prudenza u diliġenza fl-affarijiet tagħhom.*

*...*

*Fir-rikors tal-appell tiegħu l-attur appellant jerġa' jagħmel tentattiv ieħor biex jikkontesta l-ammont ta' Lm220,000 billi jargumenta li kemm fl-ewwel skrittura kif ukoll fin-nota tal-eċċezzjonijiet dejjem irreferew għall-kreditu bħala wieħed ta' "self" u ma kienux jikkomprendu kumpens għal servizzi oħra. Kif rilevat fuq, l-ewwel Qorti ma qalitx li l-Lm220,000 kienu jikkomprendu kumpens għal servizzi oħra iżda qalet li kienu jirrappreżentaw mhux biss flus mislufin lill-attur appellant iżda wkoll pagamenti li l-konvenut appellat għamel lil terzi għan-nom tal-attur appellant u wkoll ħlasijiet fir-rigward tal-farmhouses tas-soċjetà tal-attur appellant. Veru li fuq l-iskrittura jissemma' biss self "brevi manu" u fin-nota tal-eċċezzjonijiet jingħad li l-konvenut "silef flus lill-attur" iżda b'daqshekk ma jfissirx li d-differenza bejn l-Lm220,000 kif indikat fuq l-iskrittura u l-ammonti effettivament mislufin "brevi manu" lill-attur tirrappreżenta użura. L-attur appellant stess fl-affidavit tiegħu jirreferi għal xogħlijiet li kienu qed isiru fil-farmhouses u għalhekk jidher li kien hemm debitu f'dan ir-rigward ukoll. Fis-sottomissjonijiet tiegħu tat-30 ta' Ġunju 2008 ukoll jikkonferma li d-debitu li kellu favur il-konvenut appellant jikkonsisti mhux biss f'self iżda wkoll jirrigwarda spejjeż relatati mal-farmhouses u wkoll pagamenti magħmula lil terzi.'*

*"Ronald Azzopardi rega' ttenta jattakka l-iskritturi fi proċeduri oħrajn istitwiti fil-11 ta' Ġunju 2009. It-talbiet tiegħu f'dik il-kawża ġew miċħuda permezz ta' sentenza deċiża fil-11 ta' Ġunju 2010. L-appell li ġie ntavolat minn din is-sentenza ġie dikjarat deżert.*

*"Il-konvenut f'dawn il-proċeduri wkoll jagħti rendikont ta' diversi pagamenti li huwa jgħid illi għamel lill-attur akkont tas-self in kwistjoni iżda dawn kollha jduru mal-kalkoli li saru qabel ma ġew iffirmati l-iskritturi bejn il-partijiet. Il-valutazzjoni tal-provi dwar dan id-debitu diġà saret fil-kawżi deċiżi msemmija fejn il-Qorti waslet ghad-dikjarazzjoni ta' validità tal-iskrittura. Din il-Qorti ma tqisx li għandha tissindika f'dan l-istadju l-operat ta' qrati ohra. Jirriżulta għalhekk illi l-validità tal-*

*iskrittura tat-2 ta' Lulju 2004 li permezz tagħha ġie stabbilit debitu ta' Lm220,000 hija issa indiskussa.*

*"Għaldaqstant, il-Qorti ssib illi l-konvenuti għandhom raġun fl-eċċezzjonijiet mressqa minnhom li l-atturi m'humiex kredituri tagħhom biss fir-rigward tal-ammont ta' Lm65,000.*

*"Permezz tal-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li t-transazzjonijiet li għamel il-konvenut mal-attur kif ukoll diversi transazzjonijiet li għamel il-konvenut ma' terzi huma nulli għaliex jikkonsistu f'atti ta' amministrazzjoni straordinarja li saru mingħajr il-kunsens tagħha kif ukoll li dawn l-atti saru bi frodi tal-krediti u jeddijiet tagħha fuq il-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn il-konvenut.*

*"Il-Qorti kkunsidrat illi l-artikolu 1326(1) tal-Kodiċi Ċivili jagħti l-fakoltà lil dik il-parti fiz-zwieg li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għall-att straordinarju li tannulla dak l-att kemm-il darba dak l-att ikun dwar it-trasferiment jew il-ħolqien ta' jedd reali jew personali fuq proprjetà immobbli. Meta dak l-att ikun dwar proprjetà mobbli, dan jista' jkun annullat biss meta l-jeddijiet fuqhom ikunu ngħataw b'titolu gratuwitu.*

*"L-artikolu 1326(4) ikompli billi jgħid illi l-parti li ma tkunx bdiet l-azzjoni għal annullament fiż-żmien stabbilit u li ma tkunx irratifikat l-att espressament jew taċitament, b'danakollu tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti l-oħra tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti jew, meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarbu.*

*"L-artikolu 1326(5) imbagħad jipprovdi li bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dak l-artikolu, meta f'xi att li jkun jeħtieġ il-kunsens tal-parti l-oħra u li jkun dwar mobbli, parti taġixxi waħedha, il-parti l-oħra ma tkunx tista' titlob l-annullament tal-att; meta iżda, il-parti l-oħra ma tkunx ratifikat dak l-att, espressament jew taċitament, dik il-parti tkun tista' tieħu azzjoni biex iġġiegħel lill-parti li tkun aġixxit waħedha tirreintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew meta dan ma jkunx jista' jsir, tagħmel tajjeb għad-danni li jkunu ġġarrbu.*

*"Fil-każ odjern ma jirriżultax illi l-konvenuta ħadet l-ebda azzjoni skont l-artikoli tal-liġi suċitati sabiex titlob l-annullament ta' xi att. Fi kwalunkwe każ, il-fatt illi l-konvenuta Mariella Azzopardi ma tatx il-kunsens tagħha ma jfissirx illi l-atti ma jiswewx, għaliex il-konsegwenza ma tkunx in-nullità tal-att in toto iżda biss illi dak l-att ma jorbotx lill-komunjoni tal-akkwisti*[1]*, u fejn dawk l-atti ma jaqgħux taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 1326(1), il-konvenuta setgħet biss, skont l-artikolu 1326(5) imsemmi, titlob li l-konvenut jirredintegra l-komunjoni tal-akkwisti, jew jekk dan ma jistax isir, jagħmel tajjeb għad-danni.*

*"Għaldaqstant, l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuta qegħdin jiġu miċħuda.*

---

[1] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Limited Claudette Gauci vs Paolo Bonnici et**, deċiża fl-1 ta' Ġunju 2007

*"Permezz tar-raba' eċċezzjoni preliminari tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li din il-kawża għandha tistenna l-eżitu ta' proċeduri li hija tgħid illi ser tintavola kontra żewġha l-konvenut, iżda hawnhekk ukoll il-Qorti terġa' ttenni li ma jirriżultax li l-konvenuta intavolat l-ebda proċeduri kontra l-konvenut fir-rigward tal-atti msemmija minnha, li skont hi saru mingħajr il-kunsens tagħha bi ksur tal-artikolu 1322(2) tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni wkoll qiegħda tiġi miċħuda.*

*"Konsegwentement il-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta fis-sens li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju in vista tal-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari mressqa minnha wkoll qiegħda tiġi respinta.*

*"Permezz tal-aħħar eċċezzjoni preliminari tagħha, il-konvenuta teċċepixxi li r-raba' talba attriċi ma fiha ebda bażi legali in kwantu li l-Kodiċi tal-Kummerċ ma jipprovdix illi din il-Qorti tista' tiddikjara stat ta' falliment frawdolenti bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 482 et sequitur tal-istess Kodiċi. Il-Qorti ssib illi l-konvenuta għandha raġun f'din l-eċċezzjoni tagħha biss limitatament fis-sens illi l-proċedura fallimentari f'dan l-istadju tirrikjedi illi l-Qorti tippronunzja ruħha dwar l-istat tal-falliment tad-debitur, f'liema każ tipproċedi bil-ħatra ta' kuratur fallimentari biex imbagħad jissokta l-proċess fallimentari kif kontemplat fil-Kodiċi tal-Kummerċ. Huwa biss meta dan il-proċess jigi eżawrit illi għandha tiġi esplorata l-kwistjoni dwar ir-rijabilitazzjoni tad-debitur jew alternattivament jekk hemmx każ ta' falliment doluż (Falliment ta' Charles Friggieri vs X, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ġunju 2008). Għaldaqstant, il-Qorti sejra tieħu in konsiderazzjoni dan kollu fid-deċiżjoni tagħha fir-rigward tar-raba' talba attriċi.*

*"Fil-mertu, il-konvenuti jeċċepixxu li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda għaliex il-konvenut Ronald Azzopardi m'huwiex kummerċjant u fi kwalunkwe każ huwa ma waqafx milli jħallas id-debiti tiegħu. Il-konvenut jeċċepixxi wkoll illi ma hemm l-ebda bażi legali sabiex jiġi ddikjarat fi stat ta' falliment frawdolenti.*

*"Il-Qorti kkunsidrat illi skont artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kummerċjanti huma dawk li, bi professjoni, jagħmlu f'isimhom atti tal-kummerċ, kif ukoll is-soċjetajiet kummerċjali. Artikolu 5 tal-istess Kodiċi jsemmi fost attijiet oħra s-segwenti atti li jikkostitwixxu atti ta' kummerċ:*

> *".....*
>
> *(e) Kull operazzjoni li għandha x'taqsam ma' soċjetajiet kummerċjali jew ma' l-azzjonijiet tagħhom;*
>
> *…..*

> *(h) Ix-xiri u l-bejgħ mill-ġdid ta' immobbli, meta jsiru bi spekulazzjoni kummerċjali, u l-intrapriżi tal-bini;*
>
> *.....*
>
> *(i) kull operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam ma' l-atti hawn fuq imsemmija."*

*"Kif diġà ngħad, sabiex il-konvenut jiġi klassifikat bħala kummerċjant, jeħtieġ illi huwa jkun jagħmel atti ta' kummerċ, bi professjoni u f'ismu personali. Mill-provi prodotti u mix-xhieda li ta l-konvenut stess, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut kien jagħmel bosta operazzjonijiet kummerċjali fosthom diversi istanzi ta' self brevi manu kif ukoll self mingħand banek lokali. Dawn it-transazzjonijiet kienu relatati mal-kumpanniji li huwa kien imexxi, b'mod speċjali l-kumpanniji Crown Hotels Limited u Sovereign Hotels Limited, tramite liema kumpanniji kien jiġġestixxi il-lukandi. Fil-fatt, fl-affidavit tiegħu il-konvenut jispjega kif il-flus li huwa ssellef mingħand l-attur kien iqassamhom fost il-kumpanniji li kien involut fihom. Mingħajr ebda dubju, numru minn dawn l-operazzjonijiet inkluż is-self brevi manu kienu jsiru mill-konvenut f'ismu personali. Dan jikkonfermah huwa stess u kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Camel Brand Co. Ltd vs Michael Debono tal-21 ta' Marzu 2002:*

> *"...din il-Qorti temmen li meta negozju jkun gestit minn socjeta b'responsabilità limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha."*

*"Il-Qorti tirrileva wkoll illi minkejja li l-konvenut jipprova jagħti l-impressjoni li fil-bidu li huwa kien jissellef il-flus għal kumpanniji huwa kien biss azzjonist minoraritarju fihom, jirriżulta mid-dokumenti eżebiti mir-rappreżentant tal-Awtorità ta' Malta għas-Servizzi Finanzjarji li huwa kien ukoll direttur tas-soċjetajiet Crown Hotels Limited u Sovereign Hotels Limited sa mill-bidu nett tal-formazzjoni tagħhom. Iżda l-fatt li kien direttur ta' dawn il-kumpanniji ma jiswiex wisq għall-finijiet tal-kawża tal-lum, ħlief biex issaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti li t-tmexxija ta' dawn il-kumpanniji kienet fil-fatt f'idejn il-konvenut, għaliex kif diġà ngħad, f'diversi istanzi s-self kien isir lill-konvenut f'ismu personali.*

*"Bi żieda ma' dan kollu, mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li ammont ta' flus li l-konvenut issellef mingħand l-attur ntużaw sabiex ġew akkwistati u saru xogħlijiet fuq żewġ farmhouses ġewwa Għawdex bl-intenzjoni li jsir negozju mill-konverzjoni ta' dawn il-proprjetajiet. Huwa veru li dawn il-farmhouses kienu ġew akkwistati mis-soċjetà HD Holdings, li wkoll kienet immexxija mill-attur, iżda s-self relatat ma' dawn il-proprjetajiet sar ukoll mill-konvenut f'ismu personali. F'dan il-kuntest huwa stabbilit*

*fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati li min jinnegozja fix-xiri u bejgħ ta' bini bi spekulazzjoni kummerċjali jagħmel att ta' kummerċ.*[2]

*"Fir-rigward ta' jekk dawn l-atti ta' kummerċ li l-konvenut kien jagħmel f'ismu personali kinux isiru minnu bi professjoni, kif irid l-artikolu tal-liġi suċitat, il-Qorti tagħmel riferenza għan-noti tal-Professur Joseph A. Micallef fejn hemm spjegat hekk*[3]*:*

> *"The acquisition of the status of a trader is not subjected to any formality or to any registration. Much less would it derive from the mere fact that a person styles himself or calls himself a trader. The law in this respect requires the existence of positive, concrete facts: the exercise of acts of trade done by a person in his own name."*

*"Il-Professur Micallef imbagħad ikompli hekk:*

> *"The law in attributing to a person the social status of a trader, is not satisfied with a mere repetition of acts of trade, but requires further, that they be done with the manifest intention that they are to form the object of one's continued activity, and if not the only, at least the primary means of living and a constant source of income. In order, therefore, that a person may be regarded as a trader, he must devote his services to trade in such a way that it becomes his normal and permanent, though not necessarily his only or his principal occupation, Dr Edward Amato noe vs Spiro Xuereb (See Collez. Vol. XXII Pt. III pg. 204). This is the meaning of the expression "by profession" and it implies that when a person becomes a trader he is not acquring a mere title, but a status, the existence of which is drawn from extrinsic positive facts."* [4]

*"Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi prodotti li l-atti ta' kummerċ magħmula mill-konvenut f'ismu personali kienu jsiru minnu wkoll bi professjoni in kwantu li dawn l-atti ta' kummerċ kienu ripetuti għal diversi snin, f'diversi okkażjonijiet u ma' diversi persuni b'dan illi l-konvenut mhux biss kien jikkontratta ma' individwi privati iżda wkoll ma' diversi banek lokali. Dan minkejja li m'huwiex ikkontestat li għal xi żmien huwa kien impjegat band'oħra. Hawnhekk il-Qorti żżid illi mill-provi jirriżulta li wara s-sena 1998 l-attur kien impjegat ma' terzi biss fuq bażi part time. Xejn ma jiswa li l-konvenut ma kienx irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jew li ma kienx iżomm kotba tal-kummerċ, għaliex m'humiex dawn illi jistabbilixxu jekk persuna hijiex kummerċjant.*

*"Il-Qorti taqbel mal-atturi meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jirrimarkaw li l-mod kif kien jopera l-konvenut u ċioè billi jiddejjen f'ismu personali sabiex juża l-flus għan-negozzju tiegħu, jiġifieri sabiex imexxi kumpanniji li ma kellhomx flus, għandha twassal għall-konklużjoni li l-konvenut huwa kummerċjant f'għajnejn il-liġi.*

---

[2] Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Emmanuele Vella vs Raffaele Barbara** tal-31 ta' Mejju 1997 (*recte:* 1957), **Giuseppe Chircop vs Emmanuele Camilleri** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Diċembru 1960 u **Vincent Borg et vs Joseph Fenech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 1952.

[3] Paġna 30, paragrafu 1

[4] Paġna 32, paragrafu 2

*"Għaldaqstant, l-eċċezzjoni tal-konvenuti fis-sens illi l-konvenut Ronald Azzopardi m'huwiex kummerċjant qiegħda tiġi miċħuda.*

*"Il-Qorti ghaddiet biex tqis it-talbiet attriċi u l-eċċezzjoni tal-konvenuti li m'huwiex minnu li l-konvenut issospenda l-pagamenti tiegħu. Skont artikolu 477 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, 'Kull kummerċjant li jieqaf mill-ħlas tad-djun huwa fi stat ta' falliment.' L-istess Kodiċi jipprovdi li t-talba għal dikjarazzjoni ta' falliment tista' anke ssir mill-kredituri tal-kummerċjant bħal ma għamlu l-atturi fil-kawża odjerna. Fil-fatt, artikolu 482(1) tal-Kodiċi msemmi jipprovdi hekk:*

> *"Kull kreditur jista' wkoll, sew jekk il-kreditu tiegħu ikun kummerċjali jew le, u għalkemm dan il-kreditu jkun għadu ma għalaqx, jaġixxi bi proċedura sommarja fil-Qorti tal-Kummerċ kontra d-debitur jew ir-rappreżentant leġittimu tiegħu, u jitlob dikjarazzjoni li dana d-debitur huwa fi stat ta' falliment."*

*"Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A Sansone et noe vs Aspasia Cruises Co Ltd tal-31 ta' Jannar 2001:*

> *"Illi tenut kont ta' dak li ser jinghad aktar il-quddiem, wiehed irid jara jekk jezistix bhala fatt ic-cessazzjoni da parte tad-debitur li jkompli jmexxi l-affari tieghu, ghaliex il-fatt fih innifsu ta' nuqqas ta' hlas ma jimpurtax necessarjament id-dikjarazzjoni ta' falliment. Hekk fis-sentenza "Concorso dei Creditori di Anna Gerada" (K. 28 ta' Gunju 1926. Vol. XXVI. III. 664) inghad li:*
>
> *"Il fatto di non avere un commerciante fatto onore a diversi impegni non induce necessariamente la cessazione da parte sua di fare i pagamenti"."*

*"Iżda huwa stabbilit ukoll illi biex tingħata dikjarazzjoni ta' falliment huwa biżżejjed illi kummerċjant ikun waqaf mill-ħlas tad-djun tiegħu, m'huwiex meħtieġ illi jintwera wkoll illi ma għandux mnejn iħallas kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-25 ta' April 1961 fil-proċeduri tal-Falliment ta' Henry Shirley Furniss-Roe. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Kummerċ irriteniet illi:*

> *"l-istat ta' ċessazzjoni tal-pagamenti ta' kummerċjant jikkonsisti fin-nuqqas tiegħu li jissoddisfa puntwalment l-obbligi li jkun assuma, liema stat jimmanifesta ruħu bir-rifjut tal-pagament. Għalhekk huwa l-istat tal-insolvenza li jikkostitwixxi l-falliment u mhux l-istat ta' insolvibbilità."*

*"Kif ġie affermat ukoll fis-sentenza fl-ismijiet Neg. Vincenzo Degaetano et vs Vincenzo Manicolo, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-4 ta' Novembru 1912 (Vol XXI.III.127):*

> *"Lo stato effettivo di fallimento vien constatato dagli atti gudiziari pendenti contro il debitore."*

*“Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti u mill-kunsiderazzjonijiet magħmula minn din il-Qorti abbażi tax-xhieda u dokumenti esibiti, jirriżulta ppruvat illi l-konvenut jinsab fi stat ta’ falliment stante li m’huwiex f’posizzjoni li jħallas lill-kredituri tiegħu, inkluż lill-atturi.*

*“Minkejja li l-konvenut jipprova jargumenta li huwa għadu f’posizzjoni li jħallas id-djun tiegħu u saħansitra jressaq diversi xhieda in kontro-eżami sabiex jikkonfermaw li l-kreditu tagħhom ġie sodisfatt mill-konvenut fil-mori tal-proċeduri, dawn l-ammonti huma pjuttost żgħar meta mqabbla mal-krediti sostanzjali vantati mill-atturi, mill-banek lokali u minn kredituri oħra. Kif ingħad fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Victoria Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe, deċiża fit-13 ta’ Jannar 2004:*

> *“Il-fatt li saru xi ħlasijiet ma jfissirx illi ipso facto l-kummerċjant ma għandux jitqies li waqaf mill-ħlas tad-djun. Il-kummerċjant ma jistax jaħrab mid-dikjarazzjoni ta’ falliment, u mill-konsegwenzi li din iġġib magħha għall-ħarsien ta’ l-interessi tal-kredituri li jibqgħu ma jitħallsux, billi jagħżel li jħallas xi wħud mid-djun tiegħu, u jagħżel hu liema jħallas. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-konvenut Carmelo Chetcuti proprio naqas li jħallas djun sostanzjali bħal ma huma dawk ta’ l-atturi u tas-soċjetà li tħalliet tidħol fil-kawża huwa prova biżżejjed illi waqaf iħallas id-djun tiegħu u għalhekk għandu jitqies fi stat ta’ falliment.”*

*“Mill-provi prodotti jirriżulta li gew istitwiti diversi proċeduri legali fil-konfront tal-konvenut minn diversi kredituri tiegħu u dan il-fatt neċessarjament ifisser li l-konvenut waqaf iħallas lil dawn il-kredituri. Huwa biżżejjed li wieħed iħares lejn is-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta’ Ġunju 2006 fejn il-konvenuti flimkien ġew ikkundannati jħallsu l-ammont kumplessiv ta’ Lm781,105.06, llum €1,819,485, rappreżentanti l-bilanċ għad-debitu ta’ Loan, House Loan, Business Loan u Overdraft Account lil Bank of Valletta plc. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova sabiex juri li dan l-ammont tħallas. B’żieda ma’ dan, minkejja li għal numru ta’ mandati ta’ sekwestru ġew ippreżentati kontro-mandati, jirriżulta li hemm numru kbir ta’ mandati ta’ sekwestru li għadhom in vigore.*

*“Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenut waqaf milli jħallas id-debiti tiegħu u konsegwentement jinsab fi stat ta’ falliment.*

*“Huwa stabbilit illi l-punt meta kummerċjant jieqaf mill-ħlas tad-djun u għalhekk ikun fi stat ta’ falliment huwa punt ta’ fatt, kif ingħad fid-deċiżjoni bl-isem ta’ Falliment ta’ Joseph Grixti, eżerċitant il-kummerċ taħt id-ditta Christie Davie & Sons (Qorti tal-Appell, 15 ta’ April 1955). L-attur ma jagħmel l-ebda sottomissjonjiet dwar meta kienet id-data li effettivament il-konvenut waqaf iħallas id-djun tiegħu u għaldaqstant, il-Qorti sejra tistabilixxi għal dan il-għan id-data tal-5 ta’ Awissu 2004, u ċjoe d-data meta l-ewwel pagament kellu jsir mill-konvenuti lill-atturi skont l-iskrittura tat-2 ta’ Lulju 2004.*

*"Fir-rigward tar-raba' talba attriċi u l-aħħar eċċezzjoni fil-mertu tal-konvenut u ċioè dwar jekk il-konvenut għandux jiġi ddikjarat fi stat ta' falliment frawdolenti, a skans ta' repetizzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li diġà ngħad f'din is-sentenza fir-rigward tal-aħħar eċċezzjoni preliminari tal-konvenuta u għaldaqstant, tirriżerva li tipprovdi dwar din it-talba fi stadju ulterjuri ta' dawn il-proċeduri.*

*"Għar-raġunijiet msemmija, din il-Qorti sejra wkoll tilqa' l-ħames talba attriċi."*;

3. Wara li b'rikors tiegħu tal-21 ta' Novembru, 2016[5], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellant talab lill-ewwel Qorti biex tħallih jappella mis-sentenza appellata, dik il-Qorti tatu tali permess f'digriet mogħti waqt is-smigħ tad-9 ta' Marzu, 2017[6];

4. Fir-Rikors tal-Appell imressaq minnu fit-23 ta' Marzu, 2017, l-appellant reġa' sostanzjalment tenna r-raġunijiet li huwa kien semma fir-rikors li bih talab il-permess li jappella u għadda biex talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu u tiċħad it-talbiet attriċi, b'dan li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi kellhom jitbatew mill-appellati;

5. Illi minkejja li l-appellati iddikjaraw li kienu qegħdin jilqgħu n-notifika tal-atti, l-ebda wieħed minnhom ma ressaq Tweġiba għar-Rikors tal-Appell;

[5] Paġġ. 1019 sa 1024 tal-proċess
[6] Paġ. 1028 tal-proċess

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tat-8 ta' Ottubru, 2019;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-digriet li bih ħalliet l-appell għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi din hija azzjoni għal dikjarazzjoni ta' falliment ta' debitur għall-finijiet tal-artikolu 482 tal-Kodiċi tal-Kummerċ. L-ewwel Qorti, fis-sentenza *in parte* appellata, sabet li l-appellant kien kummerċjant u debitur tal-atturi appellati u li, fuq kollox, waqaf iħallas id-djun u għalhekk sabet li kien fi stat ta' falliment;

9. Illi l-Qorti tirrileva li l-appell tressaq biss mill-appellant Ronald Azzopardi u għalkemm l-ewwel Qorti ittrattat u ċaħdet l-eċċezzjonijiet imqajma separatament minn mart l-appellant Mariella Azzopardi, ma sar l-ebda appell mill-istess intimata;

10. Illi l-appellant iqajjem **tliet aggravji** mis-sentenza appellata: (i) fl-ewwel lok, jgħid li l-appellati mhumiex kredituri tiegħu; (ii) fit-tieni lok, jgħid li huwa ma jikkwalifikax bħala kummerċjant; u (iii) fit-tielet lok, li ma huwiex minnu li huwa waqaf iħallas id-djun tiegħu;

11. Illi bl-**ewwel aggravju** tiegħu, l-appellant jisħaq li ma huwiex minnu li l-atturi appellati huma kredituri tiegħu u, minħabba f'hekk, jonqos wieħed mill-elementi essenzjali meħtieġa għall-għamla ta' azzjoni mnedija minnhom maħsuba li tikseb dikjarazzjoni ta' falliment tad-debitur. B'mod partikolari, l-appellant jikkontesta s-sentenza appellata safejn sabet (a) li l-atturi appellati huma kredituri tiegħu; (b) li dak il-kreditu joħroġ minn kitba li s-siwi tagħha ma għadux aktar diskutibbli; u (ċ) li l-ewwel Qorti naqset milli tagħmel valutazzjoni tal-provi dwar il-kreditu vantat. B'mod partikolari, l-appellant jisħaq li ma joħroġ minn imkien li huwa debitur tal-appellati u wisq anqas tas-somma msemmija minnhom fir-Rikors li bih fetħu din il-kawża. Jgħid li mhux biss li l-kreditu pretiż mill-appellati għadu suġġett għal proċeduri pendenti, imma li saħansitra l-kitba li fuq is-saħħa tagħha jgħidu li għandhom jieħdu hija milquta minn nullità u hija, f'kull każ, suġġetta wkoll għal proċeduri pendenti dwar is-siwi tagħha. Minbarra dan, jilminta li l-ewwel Qorti naqset li tiddetermina tabilħaqq jekk u kemm huwa d-dejn li suppost għandu mal-appellati;

12. Illi l-Qorti tqis li b'dan l-aggravju l-appellant irid li jdaħħal dubju dwar l-eżistenza ta' element kostitutiv tal-azzjoni mibdija kontrih. Ma hemm l-ebda dubju li l-liġi titlob li min iressaq azzjoni bħal dik mibdija mill-appellati jrid ikun kreditur tal-persuna (jew rappreżentant leġittimu tagħha) li tagħha tintalab dikjarazzjoni ta' falliment. Il-liġi tagħmilha ċara li kull dejn

jew kreditu, kemm jekk ikun ta' natura kummerċjali u kemm jekk ikun mod ieħor, huwa biżżejjed biex isejjes dan l-element. Għal-liġi, il-konsistenza jew l-eżiġibilità tad-dejn ma jidhirx li hija kunsiderazzjoni rilevanti biex jikkostitwixxi raġuni tajba biex titressaq azzjoni bħal dik mibdija mill-appellati. Kemm hu hekk, l-artikolu 482(1) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar dejn li jista' jkun għad ma għalaqx u ma jsemmi mkien li hemm xi limitazzjoni ta' xi somma li tkun tikkostitwixxi dejn bħal dak;

13. Illi huwa ċar li l-appellati bnew l-azzjoni tagħhom fuq is-saħħa ta' żewġ kitbiet ta' kostituzzjoni ta' debitu li saru t-tnejn fit-2 ta' Lulju tal-2004 u fejn l-appellant kien iddikjara li għandu jagħti somom determinati ta' flus lill-appellati. Waħda miż-żewġ kitbiet instab li ma kinitx torbot u li l-appellati ma setgħux jippretendu l-ħlas tal-kreditu msemmi fiha. Imma dwar il-kitba l-oħra, hemm tassew żewġ sentenzi[7] li sabu li l-appellant huwa debitur tal-appellati bix-xhieda tagħha. Ma kinitx dik il-kitba li ħalqet il-kreditu, għaliex id-dejn kien ilu ġej minn żmien qabel: imma dik il-kitba ikkonfermatu. Dawk is-sentenzi saru ġudikat, u l-ewwel Qorti ma kienet qiegħda toħloq xejn minn żniedha li tagħraf dak l-istat. Il-fatt li hemm kawża oħra pendenti[8] ma jnaqqas xejn mis-saħħa eżekuttiva tal-

[7] Rik. Nru. 73/05AE maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)(Superjuri Ċivili) fit-3.3.2009 (u konfermata minn din il-Qorti fit-3.2.2012) u Rik. Nru. 50/09AE maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri Ċivili) fil-11.6.2010 (li l-appell minnha mar deżert)
[8] Rik. Nru. 64/14JVC maqtugħa mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Superjuri Ċivili) fil-5.4.2016 li biha laqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* (u li minnha sar appell quddiem din il-Qorti li għadu mhux appuntat)

imsemmija sentenzi, aktar u aktar meta l-kawża pendenti ma hijiex maħsuba li twaqqa' s-siwi ta' xi sentenza minnhom. Fuq is-saħħa ta' dawk is-sentenzi biss, għandu jirriżulta li l-appellant huwa tabilħaqq debitur tal-appellati;

14. Illi b'żieda ma' dan, irid jingħad li huwa l-appellant innifsu li jistqarr li huwa debitur tal-appellati. Din l-istqarrija għamilha xejn anqas minn bl-għoti tax-xhieda tiegħu taħt ġurament quddiem qorti. F'dik ix-xhieda (mogħtija sewwasew dakinhar li saru l-kitbiet fuq imsemmija) l-appellant xehed għal aktar minn darba li huwa debitur tal-appellat u saħansitra kien f'qagħda li "jikkwantifika" x'kien id-dejn tiegħu[9]. Minn dakinhar sallum ma ntweriex li l-appellant ħallas jew qata' għal kollox dak id-dejn[10];

15. Illi fil-fehma tal-Qorti dawn iċ-ċirkostanzi jixhdu b'mod ċar li l-appellant innifsu jaċċetta li huwa tabilħaqq debitur tal-appellati u li għalhekk dan l-element kruċjali tal-azzjoni attriċi kien jirriżulta meta nfetħet din il-kawża. Dan iwassal lil din il-Qorti li ssib li l-ewwel aggravju tal-appellant mhuwiex tajjeb u mhux se jintlaqa';

16. Illi bit-**tieni aggravju** l-appellent jiċħad li huwa kummerċjant. Dan l-aggravju wkoll jidher li huwa maħsub li jġib fix-xejn element ieħor siewi

[9] Ara Dok "FB5", f'paġġ. 73 – 4 u 79 tal-proċess.
[10] Ara l-affidavit tiegħu f'paġġ. 589 sa 591 tal-proċess fejn jistqarr bil-ġurament tiegħu li huwa debitur tal-appellat.

tal-azzjoni mnedija mill-appellati ladarba azzjoni bħal dik trid issir kontra persuna li tkun kummerċjant. F'dan l-aggravju, l-appellant jisħaq li bl-ebda mod ma jista' jitqies li huwa kummerċjant kif imfisser fl-artikolu 4 tal-Kodiċi tal-Kummerċ u lanqas li għandu jitqies li wettaq atti ta' kummerċ kif maħsuba fl-artikolu 5 ta' dak il-Kodiċi. Huwa jgħid li l-atti li l-ewwel Qorti tathom it-timbru ta' atti ta' kummerċ ma kienu xejn għajr atti ta' akkwist ta' ġid personali u privat. Jgħid li s-self li kien sarlu mill-appellat kien frott il-ħbiberija li f'xi żmien kien hemm bejniethom u mhux minħabba xi ħidma ekonomika jew professjonali. Għalkemm jistqarr li kien azzjonist minoritarju f'xi kumpanniji, seħaq li huwa kien impjegat *full time* u jaqla' l-għixien tiegħu minn dak l-impieg. Fuq kollox, jgħid li ma ntwera mkien li bis-self li kien ħa mingħand l-appellati huwa kien ħa xi benefiċċju personali jew li dan sar għaliex kien imexxi xi negozju personali f'ismu. Is-self magħmul kien sar għall-benefiċċju ta' kumpanniji u dan ma jagħmlux kummerċjant. Għalhekk jgħid li l-ewwel Qorti kienet żbaljat meta għadditu bħala kummerċjant;

17. Illi waqt it-trattazzjoni tal-appell, l-avukat difensur tal-appellati ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-fatt li fl-atti kopjużi tal-kawża jinsabu għadd ta' provi dokumentali li jixhdu n-natura tal-appellant u l-mod li huwa nnifsu kien jiddeskrivi lilu nnifsu. Iwarrab dan l-aggravju bħala turija ta' kemm l-appellant irid jagħmel minn kollox biex jipprova jaħrab milli jwettaq dak li ntrabat bih;

18. Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-atti tal-kawża għaliex riedet tara jekk l-ewwel Qorti kellhiex quddiemha elementi biżżejjed biex tasal għall-fehmiet li fuqhom bniet is-sentenza appellata. Dan jingħad minħabba li huwa stabbilit li l-qagħda li fiha persuna tingħaraf bħala kummerċjant ma jfissirx biss il-kisba ta' timbru jew tikketta, imma saħansitra l-kisba ta' stat li l-eżistenza tiegħu tinstilet minn fatti li jidhru u ta' bixra pożittiva. Minħabba li l-fehma li l-ewwel Qorti waslet għaliha fejn sabet li l-appellant kien kummerċjant kienet mibnija fuq apprezzament tal-provi, wieħed irid joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jħallix dan l-aggravju jinbidel fi stedina biex din il-Qorti terġa' tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti minflok dak magħmul mill-ewwel Qorti;

19. Illi mill-atti tal-kawża joħroġ fatt ċar li jorbot lill-appellant ma' sensiela twila u konsistenti ta' ndħil f'atti li l-liġi tqis bħala atti oġġettivi ta' kummerċ. Minbarra dan, dik il-linja ta' mġiba ma tinġabx fix-xejn bil-fatt li huwa kien, għal żmien twil, impjegat; lanqas ma hija determinata mill-fatt li kien biss azzjonist minoritarju f'kumpanniji li għalihom kien daħal bħala garanti f'obbligazzjonijiet ma' terzi. L-istat tiegħu ta' kummerċjant joħroġ mill-fehma u l-mod ta' kif kien jippreżenta lilu nnifsu ma' persuni u istituzzjonijiet kummerċjali fir-rapporti kuntrattwali tiegħu magħhom. Dan l-istat joħroġ ukoll mill-fatt li fil-kumpanniji kollha msemmija fl-atti tal-kawża huwa kellu l-irwol ta' direzzjoni u li bosta minnhom kienu mwaqqfa

sewwasew biex jitwettqu atti oġġettivi ta' kummerċ maħsuba biex jibbenefikaw lill-appellant u lil martu;

20. Illi l-Qorti lanqas ma temmen li l-fatt li l-appellant kien jinsab f'qagħda finanzjarja mhux mill-aħjar meta kien jissellef mingħand l-appellati kien biss ir-riżultat ta' inizjattivi privati miftuma mill-impriża marbuta ma' spekulazzjoni kummerċjali. Il-fatt li, għal medda ta' żmien, kien jinsab f'din il-qagħda lanqas ma jnaqqas xejn mill-għan lukrattiv li jidher ċar li kien ħajru jidħol għan-negozji li daħal fihom. Kummerċjant ma jonqosx li jżomm tali stat jekk il-qligħ maħsub minnu f'inizzjattivi bħal dawn ma jirriżultax kif maħsub jew jekk ir-riskji marbuta ma' tali inizzjattivi ma jagħtuhx ir-riżultat mistenni. Huwa sewwasew minħabba f'ċirkostanzi bħal dawn li l-liġi tagħti lill-kreditur l-azzjoni taħt l-artikolu 482 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

21. Illi ilu sa minn żmien stabbilit li: "*sotto la denominazione di negoziante, o mercante, s'intende colui che siasi esercitato negli affari di traffico, e di commercio comprando e rivendendo merci per trarne un lucro, spendendo e ricevendo lettere di cambio per far fronte ai suoi impegni, o in qualunque altra guisa operando e mischiandosi con frequenti atti negli affari di commercio. Questi atti pero' non sono senza termine ed illimitati, ma bastano essere tali che concludano un uso, una frequenza, un'abitazione, un solito, che dalle azioni e da un corso limitato*

*di tempo siasi indotto, cosicché per quanta forza possano avere, o testimonii, o altre giustificazioni addotte per provare in taluno la qualità di negoziante, o mercante, non minore la devono avere I contratti e gli atti mercantili ben ponderati dal giudice, dal cui arbitrio deve dipendere lo stabilimento di tal qualità. .. .. Posto il concorso, ed il numero necessario degli atti mercantili, non deve piu' rimirarsi, se, per ragione di tale esercizio, s'impieghi da taluno maggiore o minor porzione delle sue sostanze, consumi piu' o meno parte del tempo, se consti o no della destinazione di tutta la persona, bastando solo che con fatto e per ragione delle operazioni di commercio e del traffico da esso lui esercitato, sia egli considerato per tale da poter godere de' privilegi mercantili ed essere soggetto alla giurisdizione de' tribunali di commercio*"[11]. Is-siltiet ċitati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata huma wkoll rilevanti u siewja f'dan ir-rigward;

22. Illi dawn il-kostatazzjonijiet juru li l-ewwel Qorti kellha kull raġun tasal għall-fehma li l-appellant kien tabilħaqq kummerċjant. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li l-argumenti mressqin minnu taħt dan l-aggravju jseħħilhom ixaqilbu l-fehma li kulma għamel l-appellant kienu egħmejjel ta' persuna f'atti privati u domestiċi: għall-kuntrarju, jixhdu mod ta' azzjoni abitwali daqskemm konsistenti ta' ħsieb u atteġġament kummerċjali b'dak kollu li egħmejjel bħal dawn iġibu magħhom. Dan ifisser ukoll li l-atti

[11] *Enciclopedia del negoziante ossia Gran Dizionario del Commercio dell'Indistria, del Banco e delle Manifatture* (1841) *voce "Commercio e Commerciante"* paġġ. 534

mwettqa minnu jitqiesu bħala atti ta' kummerċ[12], sakemm ma ssirx il-prova kuntrarja[13];

23. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma huwa mistħoqq u mhux sejjer jintlaqa';

24. Illi fit-**tielet aggravju** tiegħu, l-appellant jiċħad li huwa waqaf iħallas id-djun tiegħu. Jgħid li mill-provi mressqin fl-atti tal-kawża u wkoll mill-għadd ta' kontro-mandati maħruġin minn kredituri tiegħu, lill-ewwel Qorti kellu jirriżultalha bla ebda ħjiel ta' dubju li huwa ma waqafx iħallas id-dejn tiegħu;

25. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wieħed li jinvolvi l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-ewwel Qorti. Huwa aggravju li jipprova jnessi li, lil hinn mis-siwi tal-kitbiet ta' kostituzzjoni ta' debitu li l-appellant għadu jissielet dwaru f'kawża oħra, huwa ma kompliex iħallas dak li kien stqarr li kellhom jitħallsu l-appellati;

26. Illi huwa aċċettat li t-twaqqif tal-ħlas tad-djun iseħħ mhux biss meta l-kummerċjant fil-fatt u materjalment ma jkomplix iħallas id-djun tiegħu, imma ġa ma jkunx hemm kontinwazzjoni tal-ħlas meta, biex iħallas id-djun tiegħu, huwa "jirrikorri għal meżżi rovinużi" li jagħtu dehra ta'

---

[12] Art. 7 tal-Kap 13
[13] App. Ċiv. **15.12.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Fenech*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.312**)

"solvenza fittizja"[14]. Lanqas ma huwa meħtieġ li jintwera li d-debitur kummerċjant ma jkollux minn fejn iħallas[15]: il-waqfien konsapevoli tal-ħlas lid-debituri jew lil xi wħud minnhom huwa biżżejjed biex qorti tista' ssib li dak il-kummerċjant ikun waqaf mill-ħlasijiet għall-finijiet tal-artikolu 477 tal-Kodiċi tal-Kummerċ;

27. Illi wara li l-Qorti rat sewwa l-atti tal-kawża u qieset il-fatti li joħorġu mill-provi mressqa miż-żewġ partijiet, hija tasal għall-fehma li l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti fis-senternza appellata ma fihomx x'tikkritika jew tmaqdar. Iżżid tgħid li fir-Rikors tal-Appell tiegħu taħt dan l-aggravju, l-appellant iwarrab għal kollox milli jfisser kif u għaliex ma baqax iħallas lill-appellati (minkejja l-ħruġ min-naħa tiegħu ta' bosta *cheques* favur l-appellat li baqgħu ma kinux onorati mal-preżentata tagħhom għall-ħlas), u minflok jidħol f'argumenti dwar l-arranġamenti milħuqa ma' kredituri oħrajn dwar il-ħlas dovut lilhom jew magħmul minnu;

28. Illi għalhekk dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqx li jintlaqa';

***Decide:***

29. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

---

[14] App. Ċiv. **15.4.1955** fl-Atti tal-***Falliment ta' Joseph Grixti eżerċenti l-kummerċ*** (Kollez. Vol: **XXXIX.i.372**)
[15] P.A. GCD **13.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Cremona et vs Carmelo Chetcuti pro et noe et***

**Tiċħad l-appell** imressaq mill-intimat appellant Ronald Azzopardi u għalhekk tikkonferma għal kollox is-sentenza *in parte* mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** ta' dan l-appell kontra l-istess appellant; u

**Tordna** li l-atti tal-kawża jerġgħu jintbagħtu lura lil dik il-Qorti biex tissokta tisma' l-kawża bil-proċess imniedi bis-saħħa tal-istess sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm